MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 963/2004/1

**Michael, Adele, Carmen u Eusebio ahwa Borg**

**v.**

**Joseph Curmi**

**Il-Qorti:**

B'citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Dicembru, 2004 quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-atturi ppremettew:

"Illi, fil-21 ta' Gunju 2003, ghall-habta ta' nofs siegha ta' wara nofsinhar waqt li hu l-atturi kien qieghed jsuq il-mutur tieghu tal-marka Honda 70 bin-numru tar-

registrazzjoni SAA 116 gewwa is-Siggiewi by pass, is-Siggiewi, safa imtajjar minn karozza tal-markaToyota Starlet misjuqa mill-konvenut, li kienet gejja minn warajh, tant li spicca imtajjar distanza kbira minn fejn sehh l-incident;

“Illi, l-konvenut kien qieghed jsuq b'manjiera traskurata u perikoluza, b'velocita qawwija u esagerata, u fuq in-naha l-hazina tat-triq bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, u l-incident sar htija eskluziva tieghu ;

“Illi, rizultat ta' dan l-incident miet hu l-atturi Joseph Borg;

“Illi, dana kollu kkawza danni finanzjarji ingenti, u li jirrizultaw ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

“Dan premess l-atturi talbu illi il-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija m’ghandhiex :

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi, u

“2. Per konsegwenza, responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi;

“3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, okkorendo bin-nomina ta' periti;

“4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni dik is-somma hekk likwidata;

“Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Marzu 2004, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

B’nota tad-29 ta’ Dicembru, 2004 il-konvenut eccepixxa:

“1. Illi t-talbiet ta Michael, Adele, Carmen u Eusebio ahwa Borg fil-konfront tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontrihom in kwantu li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament tord tal-mejjet Joseph Borg li ma

hax id-dovuti prekawzjonjiet meta dar ghal fuq il-lemin quddiem l-konvenut b'hekk isegwi li m'hemm l-ebda tord jew responsabilita li ghandha tigi attribwita lil esponenti , li m'hemm ebda danni li jridu jigu likwidati fil-konfront tieghu u li m'hemm l-ebda kundanna ta hlas li ghandha issir fil-konfront tieghu in linea ta danni .

"2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;"

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' April, 2009 bil-mod segwenti:
"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa'** t-talbiet kollha attrici u ghall-fini tat-tielet talba attrici tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' tmienja u tletin elf sitt mija tnejn u disghin euro u hamsin centezmu (€38,692.50) u ghall-fini tar-raba' talba attrici qeghda tikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni is-somma hekk likwidata ta' tmienja u tletin elf sitt mija tnejn u disghin euro u hamsin centezmu (€38,692.50) lill-atturi.

"Bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut."

Dik il-Qorti ddecidied il-kawza wara li ghamlet is-segwenti konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat :

"Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-incident in kwistjoni gara meta l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ghaddejja fit-Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi fid-direzzjoni lejn Wied iz-Zurrieq u quddiem din il-vettura kien hemm vettura ohra, izda ma setghax jigi stabbilit x'ghamla kienet din il-vettura.

"Illi kif waslu fil-parti dritta ta' Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi u precizament quddiem ir-roundabout li taghti ghal Triq Nikola Sawra il-konvenut iddecieda li jaqla il-vettura ta' quddiemu. Curmi hareg lejn nofs t-triq u

accellera ftit sabiex jaqbez l-vettura ta’ quddiemu u jidher li quddiem il-vettura li ried jaqla il-konvenut kien hemm mutur misjuq minn Joseph Borg . Dan il-mutur dar quddiem il-vettura li kienet misjuqa minn Curmi u beda jaqla biex jidhol fi Triq Nikola Sawra li tigi fuq il-lemin. Biex tidhol fi Triq Nikola Sawra minn fejn kien il-mutur wiehed ried jaqsam il-karreggjata tieghu li taghti ghal Wied iz-Zurrieq kif ukoll l-karreggjata oposta li taghti ghas-Siggiewi.

“Illi jirrizulta illi l-konvenut kien qieghed isuq wrong way izda l-konvenut jinnega dan il-fatt.

“Illi peress illi verzjonijiet konfligenti ta’ kif sehh l-incident hu d-dover tal-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika tal-hatba u tigbed l-inferenza minn dak li ntqal mix-xhieda u mic-ciskostanzi generali tal-kaz. (**Vide Appell Civili Citazz Nru 654/2003 Andrew Penza vs Claes Nicklas K. Skalin et.)**

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti rat l-atti tal-process verbal redatt mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta’ Ottubru 2003.

“Illi irrizulta minn dan il-process verbal illi meta kien qieghed jaghmel il-manuvra ta’ overtaking il-konvenut ra il-mutur jaqsam ghal quddiemu, ghafas il-break u ghamel manuvra evaziva billi dawwar l-isteering lejn il-lemin biex jevita l-mutur bil-konsegwenza li l-mutur habat mal-vettura fuq in-naha ta’ quddiem u fuq in-naha tal-passiggier. Joseph Borg li kien fuq il-mutur tar ghal fuq il-vettura u kisser il-windscreen tal-vettura u waqa fit-triq. Il-vettura tkaxkret ghal madwar hamsa u tletin metro sa kemm waqfet mal-istrip li hemm fl-ahhar tal-karreggjata li taghti ghas-Siggiewi. Il-vettura halliet erba settijiet ta’ skid marks fit-triq li jibdew mill-karreggjata li taghti ghas-Siggiewi u cioe’ dik opposta ghad-direzzjoni li fiha bdiet tinsaq il-vettura Toyota sal-punt fejn waqfet il-vettura fil-genb ta’ l-istess karreggjata. Joseph Borg waqa fit-triq madwar hames metri quddiem il-vettura u gie certifikat mejjet. Il-mutur waqaf madwar sitt metri quddiem il-vettura. La il-

konvenut u lanqas il-passiggier tal-vettura tieghu ma garrbu xi griehi fl-incident in kwistjoni.

“Illi irrizulta mill-istess process verbal illi t-temp kien bnazzi, it-triq kienet dritta b’vizwali tajba u ta’ kundizzjoni tajba u ma kienx hemm zjut jew sustanzi ohra imxerrda fuq it-triq u ghalhekk irrizulta mill-istess inkjesta li l-incident sehh waqt illi il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ghaddejja b’velocita eccessiva.

“Illi l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti ikkonkluda illi l-konvenut kien qieghed isuq b’velocita elevata u ma uzax il-prekawzjonijiet kollha mehtiega fil-manuvrar tieghu biex idur ghal gewwa Triq Nikola Sawra u lanqas ma irrizulta jekk uzax l-indicator jew jekk harisx sew qabel ma dar bil-konsegwenza li l-vettura misjuqa minnu, kif ukoll il-mutur garrbu hsarat u Joseph Borg, is-sewwieq tal-mutur, miet.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-espert tekniku Joseph Zammit, mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, ikkonkluda illi l-incident ma sehhx minhabba xi hsara li kien hemm fil-vettura, izda sehh minhabba li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qeghda tinsaq fuq in-naha hazina tat-triq, wrong side, waqt illi l-mutur kien qieghed fl-istess karreggjata fid-direzzjoni opposta sabiex idur u jidhol ghal got-Triq Nikola Sawra, fejn fil-karreggjata tal-lemin ta’ Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi sehh l-incident.

“Illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kellha hsara estensiva fuq il-parti frontali taghha fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem u fuq l-ghatu tal-magna sa fuq is-saqaf.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha moghtija fis-27 ta’ April, 2001 Citazz Nru 1425/93 GCD qalet hekk :

“Veru li l-attur kien qed isuq fi triqtu u ghad-dritt izda ebda xufier ma ghandu jqieghed lilu nnifsu fis-sitwazzjoni li ma jkunx f’qaghda li jibbrejkja u jwaqqaf tempestivament l-

istess vettura. Meta l-konvenut beda l-manufra tieghu l-attur ma kienx vizibbli u li kieku tfacca f'dak il-waqt b'velocita normali l-konvenut kien ikollu hin u wiesgha bizzejjed biex itemm il-manuvra."

"Illi ghalhekk anke li kieku il-Qorti kellha temmen lill-konvenut, xorta wahda r-responsabilta tal-incident tkun attribwibbli lill-konvenut u dan kif spjegat din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fit-12 ta' Dicembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Francis P Ebejer P noe vs Anthony Gusman fejn il-Qorti qalet hekk :

"Fejn hemm karreggjata doppja is-sewwieq ikun qed isuq max-xellug tan-nofs tat-triq normali tieghu, u jrid idur lejn il-lemin u naqqas jew waqaf (biss biex jistenna traffiku minn naha opposta) qabel jaqsam il-linja medjana biex jidhol fi triq mal-lemin tieghu ma jistax ikun responsabbli ghax xi hadd minn warajh iddecieda li jissorpassa u johrog fuq in-naha l-hazina tat-triq u jibqa diehel fih. Kull min ikun sejjer jaghmel manuvra ta' surpass irid ikun perswaz li ma kien hemm l-ebda possibilita li fil-kors normali tat-traffiku xi sewwieq iehor kien ser jostakolalu l-kompletament tal-manuvra."

"Ikkunsidrat :

"Illi d-daqqa fil-vettura tal-konvenut kienet fuq in-naha tal-passiggier, u mhux kif qieghed jghid ix-xhud Jonathan Muscat illi d-daqqa kienet fuq in-naha tas-sewwieq. Id-daqqa sehhet fuq in-naha tal-passiggier peress illi meta l-konvenut mar biex jissorpassa l-vettura ta' quddiemu, kien ghaddej b'velocita eccessiva, u l-manuvra ta' sorpass tant kienet kbira illi l-konvenut gibed hafna fuq il-karreggjata l-opposta u b'hekk laqat il-mutur minn naha tal-passiggier u mhux minn naha tax-xuffier. Il-mutur kien gej mill-bypass tas-Siggiewi direzzjoni Zebbug biex jaghmel il-manuvra u idur lejn il-pjazza tas-Siggiewi u ma kienx inkaxxat man-naha tax-xellug tat-triq u kellu jersaq ftit lejn in-nofs tal-karreggjata li kien ghaddej fiha biex idur lejn it-triq li kienet fuq il-lemin tieghu.

“Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut. Il-verzjoni li ta kemm il-konvenut, kif ukoll il-passiggier tieghu mhumiex verzjonijiet kredibbli. Jirrizulta illi kemm il-breakmarks, kif ukoll l-iskid marks huma linja dritta u dan ifisser illi jekk il-mutur kien fl-istess karreggjata, kif jallega l-konvenut, u dar lejn il-lemin ma kienx jittajjar linja dritta, izda kien jiehu d-daqqa mal-genb tieghu u jispicca fil-karreggjata opposta u ma kienx jitkaxkar f’linja dritta.

“Illi wkoll il-konvenut xehed illi kien qieghed isuq b’sittin jew sebghin kilometru fis-siegha u huwa impossibbli illi l-konvenut kien qieghed isuq b’dak l-ispeed umbaghad tkaxkar ghal dawk il-piedi kollha.

“Illi ghalhekk il-Qorti ittenni illi l-verzjoni illi ta l-konvenut u l-passiggier li kien mieghu fil-vettura Jonathan Muscat mhijiex kredibbli u tara illi mill-provi jirrizulta bic-car illi l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament tort tal-konvenut illi b’mod traskurat u b’nuqqas ta’ hsieb kien qieghed isuq fuq in-naha hazina tat-triq u b’velocita eccessiva.

“Illi una volta illi l-Qorti iddikjarat illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo, per konsegwenza il-Qorti tiddikjara illi huwa wkoll responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi u ghalhekk ser tghaddi sabiex tillikwida l-istess danni sofferti mill-atturi.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-vittma Joseph Borg miet fl-eta ta’ 51 sena u kien fadallu 14 il-sena xoghol sa kemm jirtira bl-eta ta’ 65 sena.

“Illi fis-sena ta’ l-incident huwa kien jahdem bhala labourer mad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni u kien abbinat ma salary scale 20 u skond Dok VP 1 a fol. 36 fil-process il-paga bazika tieghu f’Gunju 2003 kienet ta’ tlett elef mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (LM3,122) fis-sena u cioe ta’ sebat elef mitejn u tnejn u sebghin euro u tletin centezmu (€7,272.30) fis-sena. Di piu skond l-istess Dok VP 1, li

kieku l-vittma baqa fl-istess impjieg il-paga bazika tieghu f'Lulju 2003 kienet tkun ta' tlett elef mija u hamsa u disghin lira Maltin (LM3,195) fis-sena u cioe ta' sebat elef erba mija tnejn u erbghin euro u hamsa u tletin centezmu (€7,442.35) fis-sena. Dan l-ammont oltre il-bonus u l-income supplement flimkien kienu jghoddu ghal ghal mitejn u ghoxrin lira Maltin (LM220) ohra fis-sena u cioe hames mija u tnax il-euro u sitta u erbghin centezmu (€512.46) kif jirrizulta minn Dok VP 1.

"Illi dan kollu gie konfermat minn Vincent Piccinino illi xehed fid-9 ta' Mejju 2005 bhala rapprezentant tad-Direttur Generali fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

"Illi fil-kaz de quo ma hemmx dubbju illi d-dizabilita hija ta' mija fil-mija stante illi l-incident kien il-kawza tal-mewt ta' Joseph Borg, hekk kif gie konstatat fl-awtopsja a fol. 5 tal-process verbal.

"Illi jekk wiehed jimmultiplika s-salarju li kien jaqla Joseph Borg f'Gunju 2003 ghal ghaxar snin il-massimu kien jigi jammonta ghal tnejn u sebghin elf, seba mija tlieta u ghoxrin euro u erba' centezmi (€72,723.04) u dan l-ammont qieghed jigi migbur ghas-somma ta' seba u sebghin elf euro (€77,000) sabiex jinkludi l-gholi tal-hajja.

"Illi minn dan l-ammont skond il-gurisprudenza nostrana ghandu jitnaqqas hamsa u ghoxrin fil-mija bhala "own consumption" u ghandu jitnaqqas ukoll tlieta u tletin fil-mija peress illi l-vittma kien nubili u ma kellux dipendenti.

"Il-Qorti tara li ma ghandux jitnaqqas l-ebda ammont ghall-hlas "lump sum" in vista tal-fatt illi ghaddew iktar minn hames snin u nofs mill-incident, u dan ukoll skond il-gurisprudenza nostrana.
"Illi ghalhekk ghal dak li jikkoncerna il-komputazzjoni ta' danni il-Qorti qeghda timmoltiplika is-salarju li kien jaqla Joseph Borg f'Gunju 2003 ghal ghaxar snin u l-massimu jammonta ghal tnejn u sebghin elf, seba mija tlieta u ghoxrin euro u erba' centezmi (€72,723.04). Dan l-ammont qieghed jingabar ghas-somma ta' seba u sebghin elf euro (€77,000) biex jinkludi l-gholi tal-hajja. Minn dan l-

ammont qieghed jitnaqqas “25 per cent” “own consumption”, “33 per cent” minhabba l-fatt li Borg ma kienx mizzewweg u ma kellux tfal jew dipendenti u dan l-ammont ghandu jigi awmentat ghall-gholi tal-hajja hekk kif indikat aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat. L-istess grad illum hames snin wara jipprecepixxi rimunerazzjoni ta’ tmienja u tletin elf sitt mija tnejn u disghin euro u hamsin centezmu (€38,692.50) u ghalhekk l-ammont ta’ kumpens ghandu jammonta ghas-somma ta’ tmienja u tletin elf sitt mija tnejn u disghin euro u hamsin (€38,692.50).”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fil-15 ta’ Mejju, 2009, talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija din l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li din tigi konfermata inkwantu sabet lill-konvenut responsabbli ghall-incident stradali inkwistjoni, tigi revokata inkwantu ghall-ammont likwidat bhala danni u minflok tillikwida *quantum* ta’ danni aktar xieraq ghac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz u fuq il-linji indikati mill-appellant.

L-atturi appellati pprezentaw risposta ghall-appell tal-konvenut fejn, ghar-ragunijiet hemm sottomessi, stqarrew illi fl-apprezzament tal-ewwel Qorti ma jidhirx li l-Qorti manifestament jew ingustament naqset milli tohloq is-sens ta’ proporzjon u ta’ ekwita` li titlob il-ligi u l-gurisprudenza dejjem skont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Konsegwentement talbu li s-sentenza tigi konfermata fl-intier taghha u l-appell respint bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**Ikkunsidrat:**

L-atturi kienu istitwew dawn il-proceduri in segwitu` ghad-decess ta’ huhom Joseph fl-incident awtomobilistiku li sehh fis-Siggiewi fil-21 ta’ Gunju, 2003. Kienu involuti Toyota Starlet misjuqa mill-konvenut u mutur Honda 70, misjuq mid-*decujus*. L-ewwel Qorti kienet sabet htija ghall-incident fil-konvenut u kkundannatu jhallas is-somma ta’

€38,692.50 lill-atturi, *qua eredi* tad-*decujus*, in linea ta' danni.

Il-konvenut mhux qed jindirizza dan l-appell lejn is-sejba ta' htija ghal mewt ta' Joseph Borg billi l-appell huwa limitat ghall-konsiderazzjoni tal-*quantum* tad-danni inkwantu l-appellant qed jilmenta: (a) fuq il-percentwali li l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha tnaqqas minhabba n-nuqqas ta' dipendenza tal-atturi fuq id-*decujus* u (b) minhabba l-fatt li ma naqset ebda ammont in konsiderazzjoni tal-fatt li l-hlas kien ser jsir f'daqqa (*lump sum payment*) u dan kif isir normalment. Skont l-appellant ghalhekk d-danni ghandhom jigu ridotti sostanzjalment.

**Ikkunsidrat:**

Huwa principju generali illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Art. 1031). Il-ligi tistabilixxi l-principji ta' kif il-hsara ossia danni subiti, ghandhom jigu likwidati, sew fil-kaz ta' debilita` permanenti sew fil-kaz ta' mewt u dan skont ma hemm provdut fl-Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta Malta.

L-Artikolu 1045(1) jghid hekk:

"Il-hsara li persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u it-telf ta' qliegh li tbati l-quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib." [enfazi tal-qorti]

Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 ikompli jghid li:

"Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita tigi stabbilita` mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."

Imbaghad naraw li l-Artikolu 1046 jirregola d-danni li ghandhom jinghataw lill-werrieta tal-parti li tmut billi jipprovdi li:-

"Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita` totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan." [enfazi tal-qorti]

Minn dan naraw li d-danni f'kaz ta' mewt li jigu likwidati favur il-werrieta huma regolati u likwidati bl-istess mod bhad-danni li jinghataw lil dik il-parti li tkun sofriet l-hsara li, in realta`, huma danni reali konsistenti f'telf attwali li, fl-ahhar mill-ahhar, huma dejjem soggetti ghad-diskrezzjoni tal-gudikant li, pero`, ghandu jiehu in konsiderazzjoni, f'kaz li d-danneggat jibqa' haj, "ix-xorta u grad ta' inkapacita`" li dik il-persuna tkun sofriet. Naturalment f'kaz ta' mewt, il-grad ta' inkapacita` dejjem tkun meqjusa bhala wahda "totali".

Rinfaccjati b'dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi li jistabilixxu l-qafas ta' dak li ghandu jirregola l-likwidazzjoni tad-danni, il-qrati taghna holqu gurisprudenza li mhux biss tirrendi l-applikazzjoni tal-parametri msemmija fl-artikoli fuq riporti aktar manegevoli izda, kemm jista` jkun, naqqset l-element diskrezzjonali tal-Qorti nnifisha biex jigu evitati diskrepanzi bejn diversi sentenzi li jkun ttrattaw l-istess materja. Din is-sistema hija dik komunement maghrufa bhala il-*"multiplier system"*. Permezz ta' din is-sistema d-danni f'kaz ta' dizabilita` permanenti jigu komputati billi jigi mmultiplikat is-salarju (wara li jittiehed kont tal-inflazzjoni) bin-numru ta' snin lavorattivi li d-danneggat ikun fadallu. Dan stabbilit il-Qorti tghaddi biex tiehu percentwali minn dan l-ammont skont l-inkapacita` ghal dejjem li d-danneggat jigi akkordat mill-esperti medici, u mir-rizultat tnaqqas ammont minhabba l-fatt li l-*quantum* ikun ser jithallas f'daqqa. Fil-kaz ta' mewt il-qrati wkoll hasbu biex jitnaqqas certa percentwali mill-ammont finali likwidat skont ma inghad hawn fuq, biex jaghmel tajjeb ghal konsum li d-*decujus* ikun ghamel kieku baqa' haj.

Mal-moghdija taz-zmien il-gurisprudenza nostrana bdiet tintroduci certa principji ohra biex tirrendi l-likwidazzjoni tad-danni mhux biss aktar realistika izda wkoll, f'certa kazi, aktar accettabbli mill-*punto di vista* tad-danneggant. B'hekk naraw li l-gurisprudenza bdiet tgharaf li persuna mhux necessarjament tghix is-snin kollha tal-hajja lavorattiva billi skont *"ic-chances and changes of life"* persuna tista' ma tibqax tahdem ghar-ragunijiet kompletament indipendenti mill-incident li jkun wassal ghal proceduri "*de quo"*. Kien ghalhekk li l-*"years purchase"* kif inhuma maghrufa dak in-numru ta' snin bejn l-eta` li kellu l-korrut fid-data tal-incident sa meta dan jibqa' jew hu mistenni li jibqa' jahdem, bdew isofru certa tnaqqis bir-rizultat li d-danni finali kienu qed jigu ridotti.

Hemm gurisprudenza ohra li tirritjeni li, f'kaz li l-kawza ddum ma tinqata' u b'hekk id-danneggat idum ma jircievi l-kumpens dovut, it-tnaqqis li jsir minhabba l-fatt li l-pagament ser jsir f'daqqa, ghandu jew jigi ridott jew sahansitra eliminat kompletament, specjalment meta d-dewmien ikun tort tal-konvenut. Fl-ahharnett insibu wkoll li f'kazi ta' danni dovuti minhabba mewt gie introdott l-element ta' *"dependency"* u cioe` li d-danni akkordati lill-werrieta jirriflettu l-grad ta' dipendenza li l-werriet kellu mad-*decujus*. Ghalhekk meta l-werriet ikun iben il-mejjet il-grad ta' dipendenza jkun ovvju u dirett – fliema kaz l-ammont li jitnaqqas ikun minimu jew xejn. Mentri jekk il-mejjet ikun guvni u l-werriet qatt ma kien jiddipendi ghal ghejxien tieghu fuq id-*decujus* ezempju jkun hu jew oht il-mejjet b'familja indipendenti u jghix ghar-rasu, allura jitnaqqas certa percentwali minhabba dan in-nuqqas ta' dipendenza.
L-appellant qed isostni li, gialadarba l-grad ta' dipendenza tal-atturi ghad-*decujus* hija minima, (jekk tezisti), huwa xieraq li l-*quantum* rizultanti jigi ridott ghall-terz. Inoltre l-appellant qed isostni li, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 15%, u mhux xejn, minhabba l-fatt li l-pagament ser jsir immedjatament.

Il-kontro-parti, sorretta b'gurisprudenza, issostni l-kuntrarju ta' dak li gie sottomess fir-rikors tal-appell billi fl-

ewwel lok qed jinghad li l-kuncett ta' *"dependency"* ma jezistix fil-ligi taghna u kienu biss il-qrati li introducew dan l-element. Dwar tnaqqis ghal-"*lump sum payment*" cioe` l-fatt li l-pagament ser jsir f'daqqa, l-atturi jsostnu dak li qalet l-ewwel Qorti u jissottomettu li l-apprezzament li din ghamlet fir-rigward ma ghandux jigi disturbat in vista ta' fatt li mid-data tal-incident ghaddew aktar minn hames snin u nofs (illum tmien snin u nofs).

Din il-Qorti tosserva li, kif sewwa rrilevaw l-atturi appellati, il-kuncett ta' *"dependency"* ma nsibuhx fil-ligi taghna. Infatti, kif rajna aktar 'il fuq, f'kaz ta' mewt, id-danni dovuti lill-werrieta jigu komputati bhal fil-kaz ta' "*inkapacita` totali ghal dejjem*" skont id-disposizzjoni tal-Artikolu 1045 tal-Kap. 16. Ghalhekk, f'kazi ta' mewt, il-ligi trid li l-eredi jinghataw dak it-telf effettiv li jkun sofra d-*decujus*, daqs li kieku qed jippercepih d-danneggat, konsistenti fi (1) spejjez necessarji, (2) it-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali u (3) it-telf ta' qliegh li tbati (il-persuna inkapacitata) 'il quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, hlief li fil-kaz ta' mewt l-inkapacita` tigi kunsidrata bhala wahda totali. Il-ligi ma ssemmi ebda tnaqqis minhabba dipendenza jew l-assenza ta' din, izda issemmi biss eredi.

B'dan kollu din il-Qorti tapprezza u tifhem li biex issir gustizzja kemm mad-danneggat u mad-danneggant trid tigi ezercitata dik id-diskrezzjoni li l-Artikolu 1045 jaghti lil gudikant. Altrimenti jigri li jigi znaturat il-kuncett ta' "*restitutio in integrum*" li l-Artikoli 1029 *et sequitur* qed jipprovaw ireggu.

Hemm differenza kbira bejn dak li naqqset l-ewwel Qorti minhabba l-grad ta' *dipendency* bejn l-atturi u d-*decujus* (33%) u dak li l-appellanti qed isostni li ghandu jitnaqqas (66%). Din il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti, fl-applikazzjoni tad-diskrezzjoni taghha f'dan ir-rigward, ghamlet apprezzament gust tal-fatturi kollha rilevanti u ghalhekk ma thossx li ghandha tiddisturba dan l-apprezzament partikolarment meta, anke l-istess gurisprudenza in materja, hija konfliggenti.

Fir-rigward tat-tnaqqis minnhabba "*lump sum payment*" din il-Qorti wkoll ma thossx li ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li dehrilha li ma ghandu jsir ebda tnaqqis u dan billi filwaqt li din il-konkluzzjoni l-ewwel Qorti haditha meta kienu ghaddew cirka hames snin u nofs mid-data tal-incident, issa, li gie intavolat u trattat dan l-appell, ghaddew cirka tmien snin u nofs mid-data tal-incident u ghalhekk ir-ragunament tal-ewwel Qorti, li wara kollox kien sorrett b'gurisprudenza li llum hija ormai accettata, huwa izjed validu llum cioe` tliet snin wara.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell ghall-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------